# L-ISKEJJEL TAL-GVERN

## It-Tagħlim f'Malta

Minn Ġużè Gatt

(Ara għadd 82, paġ. 149)

III.

Mons. Alf. Mifsud, fl-"Archivum Melitense" igħid li Dr. Maħnuk kien l-ewwel wieħed li ħa ħsieb biex iwaqqaf Skola f'Għawdex. Iżda billi din il-biċċa ma rnexxietx, kellhom igħaddu bosta snin meta l-ħsieb u x-xewqa ta' Maħnuk kienu mwettqa minn ħaddieħor. U dan ġara fl-1795.

Jekk kienx Maħnuk jew le l-ewwel wieħed li ħa ħsieb biex iqanqal it-Tagħlim f'Għawdex, ma nafux. Bħalma għedna iżjed 'l fuq, il-kotba ta' l-Università, li minnhom wieħed jista' jikseb xi xaqq dawl fuq l-Iskejjel ta' dik il-Gżira, huma mitlufa. Għalhekk ħadd ma jista' jaqta' xejn dwar dina l-biċċa. B'dana kollu, Maħnuk jisthoqqlu kull qima, u b'tifkira għal ġieħu jmissha saritlu rħama fil-Kattidral ta' Għawdex. Fiha jkun imfakkar dak li Maħnuk ried jagħmel għall-ġid ta' ħutu l-Għawdxin.

Iżda dak li qal Mons. Mifsud dwar il-biċċa l-oħra—li l-ħsieb u x-xewqa ta' Maħnuk ma seħħux qabel l-1795—ma jaqbelx sewwa ma' dak li jgħidu ġrajjiet Għawdex. Ħafna snin qabel l-1795 jidher li f'Għawdex kien hemm Skola tal-Gvern. U din insibuha li kienet ta' l-Università ta' dik il-Gżira, billi hi kienet toħroġ il-flus għaż-żamma tagħha.

It-tagħrif li rnexxielna niksbu, dwar li f'Għawdex kien hemm Skola ta' l-Università, huwa dgħajjef ħafna. Dan insibuh f'kitba ta' żewġ Għawdxin. Wieħed minnhom, Dr. Ġanni Ġużè Caxaro, ħalla miktub bosta tagħrif dwar il-Gżira li twieled fiha. F'biċċa mill-kitba tiegħu, f'dik li hi magħmula fi-1704, insibu li l-Università ta' Għawdex kienet toħroġ 30 skud fis-sena bi ħlas għas-Surmast ta' l-Iskola tagħha. Il-kittieb l-ieħor, Agius de Soldanis, li, biex għaqqad l-ewwel Ġrajja ta' Għawdex tiegħu fl-1746, ħa ħafna minn dak kollu li ħalla Caxaro, igħid li l-Università ta' dik il-Gżira kienet toħroġ il-flus għas-Surmast ta' l-Iskola. Iżda dan ma jsemmi xejn kemm kien il-ħlas tiegħu, ħaġa li semmieha biss Dr. Caxaro.

Dan li semmejna biss insibu li ħallewlna Dr. Caxaro u De Soldanis dwar l-Iskola tal-Gvern li kien hemm f'Għawdex.

Għajb, jaħasra, waqt li ż-żewġ Għawdxin setgħu jagħtuna l-isbaħ tagħrif fuq dik l-Iskola, billi kienet ħaġa ħajja wkoll fi żmienhom, għażlu li jġibu aħbar hekk magħluba, mill-iżjed imgħaddma! Jista' jkun li dil-biċċa ta' l-Iskola, dawn ma rawhiex xi ħaġa kbira, u għalhekk dehrilhom li mhux ta' min jagħti aktar tagħrif fuqha iżjed minn dak li taw. Dil-biċċa li semmejna tiġri lil bosta kittieba li jkunu qed idommu xi ġrajja. Min jaf kemm jiġru ħwejjeġ fi żmien dak li jkun, u dan jibqa' għaddej minn fuqhom, billi jqishom bħala ħaġa ta' ebda ħtieġa. U hekk naħsbu li ġralhom Caxaro u De Soldanis meta ġiet quddiem għajnejhom l-Iskola tal-Gvern f'dik il-Gżira. Iżda, waqt li wieħed ma jieħux ħsieb ta' xi ħwejjeġ li jiġru f'ħajtu, għax jaħsibhom li ma huma ta' ebda fejda, maż-żmien dawn jibdew isiru meqjusa, mħarsa u miżmuma bħala ħaġa ta' siwi kbir. Għalhekk, waqt li dana t-tagħrif jitħalla barra u ma jitniżżilx mill-kittieba ta' żmienu, wara li jgħaddu s-snin minn fuqu, dal-battal isir jinħass ħafna minn dawk li jkunu jridu jdommu xi ġrajja. Terġa', dan in-nuqqas jiżdied jinħass ħafna aktar, meta tissokta tintilef ukoll xi kitba li minnha wieħed jista' jaqbad xi xaqq dawl dwar dik il-ħaġa li jkun irid jikteb fuqha. U f'dil-bicca ta' l-Iskejjel f'Għawdex taqdina, bħala mera, il-qerda u t-temma tal-kotba ta' l-Università ta' dik il-Gżira.

Aħna għamilna ħilitna kollha u ħlejna bosta żmien fi tfittix u tqallib ta' għadd kbir ta' kitba biex naraw nistgħux naqbdu ħjiel sewwa dwar l-Iskola tal-Università li kien hemm f'Għawdex. Iżda ma rnexxilniex niltaqgħu ħlief ma' dokument wieħed biss li għandu x'jaqsam ma' din l-Iskola li semmejna. B'dana kollu aħna nħossu ruħna mħallsin tat-taħbit u t-telf ta' żmien li ġarrabna la darba kellna x-xorti niksbu dan id-dokument. Tassew li dak li sibna ma jagħtix dawl wisq dwar it-Tagħlim f'Għawdex, iżda, fid-dlam li qed naqdfu, il-ftit hu dejjem wisq, aħjar bil-bosta mix-xejn. Min jaf kemm ġie li ħlejna jiem u ġmiegħi, biex ma ngħidux xhur, fi tfittix f'kitba tal-qedem, bit-tama li nsibu xi ħaġa dwar dak li nkunu r-ridu niktbu; imbagħad, wara dal-ħala ta' żmien kollu, nibqgħu biex ma nsibu xejn! U dil-biċċa tat-telfien ta' żmien għalxejn mhux lilna biss issir, imma tiġri ta' sikwit lil kull min hu mitluf biex idomm xi ġrajja tal-qedem. Għalhekk f'dina l-biċċa, ngħoddu ruħna bħala xxurtjati li, minn ħafna qerda u telfien ta' kitba, kellna niltaqgħu ma' dan id-dokument, biex inkunu nistgħu nagħtu ħjiel aktar dwar l-Iskola tal-Gvern f'Għawdex fi żmien il-qagħda ta' l-Ordni f'dawn il-Gżejjer.

Il-kitba li sibna hi talba li kienet mibgħuta minn wieħed qassis Għawdxi, jismu Dun Ġanpatist Cassar, lill-Gran Mastru Pintu. F'dina t-talba, Dun Ġanpatist qal li kellu xi xamma li Dun Ġakbu..., is-Surmast ta' l-Iskola f'Għawdex bil-ħlas mill-Università, bi ħsiebu jitlaq minn dana x-xogħol li għandu.

Huwa (Dun Ġanpatist) kien ilu jagħmilha ta' Surmast ta' l-Iskola għal 25 sena, biex jaqdi l-ħtieġa ta' ħutu l-Għawdxin. U dan għamlu għax, bil-ħila li għandu, jinqala' ħafna għal dina l-biċċa. Barra minn dan, qeda wkoll bħala Viċi Parroku fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. Terġa', dax-xogħol issa jmiss lilu, għax hu l-akbar (fost il-qassisin l-oħra?) billi għandu 52 sena. Għalhekk talab il-ħniena kbira tal-Gran Mastru biex jaħtru bħala Surmast fl-Iskola ta' Għawdex, flok Dun Ġakbu, kemm-il darba dan jitħajjar iħalli minn Surmast. U wiegħed li jagħti deħwa sewwa għal dina l-Iskola b'ħeġġa u ħrara mill-akbar.

Il-Gran Mastru Pintu laqa' t-talba ta' Dun Ġakbu u, fil-11 ta' Diċembru 1743, wettqu f'li xtaq u ried.

Dil-kitba li sibna ma ssemmi xejn dwar kemm kien il-ħlas ta' dana s-Surmast tal-Università. Iżda dil-ħaġa nafuha minn għand Dr. Caxaro, dak il-kittieb li iżjed 'il fuq semmejna. Biss il-għaġeb tagħna hu, kif fil-kotba li sibna dit-talba ma hemmx talbiet oħra dwar l-Iskola tal-Gvern f'Għawdex. Bħalma sibna din, kien imissu hemm ukoll it-talbiet ta' dawk is-Surmastrijiet li saru kemm qabel Dun Ġanpatist Cassar u kemm warajh. Għalhekk ma nistgħux ngħidu jekk dina l-Iskola damitx ħajja sa kemm l-Ordni baqa' jsaltan fuq Malta, inkella spiċċatx qabel. Biss hawn irridu nżidu li, fi-1795, f'Għawdex inħass il-ħtieġa li tinfetaħ Skola bħala kulleġġ. Iżda dwar dan bi ħsiebna nitħaddtu f'Taqsima għaliha.

(*Jissokta*)

---